KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 55** **IS-SITT KUNSILL**

L-erbgħa u ħamsin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **il-Ġimgħa 9 ta' Diċembru 2011** fil-5.48 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, l-Kunsillieri Yves Cali, Sandra Camilleri, Edward Cuschieri, Julian Galea (wasal fis-5 :55pm) u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsillier Nikki Dimech avża li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-Kunsilliera Marianne Aquilina infurmat li kienet se tkun imsiefra. Il-Kunsillier Martin Debono avża mal-Kunsillier Cali li se jkun imsiefer filwaqt li l-Kunsillier Nicolai Gauci avża l-uffiċċju li ma setax jattendi.

Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġiji tal-Kunsillieri msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Gatt

Is-Sindku presediet.

## 55.1. TIBDIL FL-ORDNI TAL-LAQGĦA

55.1.1 Wara li ntqalet it-talba kien hemm qbil unanimu li, minħabba li kien hemm Kunsillieri li ddikjaraw li ma setgħux idumu aktar mis-7pm, u li b'riżultat il-Kunsill kien jispiċċa mingħajr *quorum*, il-Kunsill kien se jbiddel l-ordni tal-laqgħa skont il-bzonn biex jiddiskuti l-aktar suġġetti ta' importanza. *Tibdil fl-ordni tal-laqgħa*

## 55.2. MINUTI

55.2.1 Is-Sindku infurmat li mhux qed jitressqu l-minuti tal-aħħar żewġ laqgħat minħabba li kienu għadhom ma waslux mingħand is-Segretarju *Minuti mhux ippreżentati*

Eżekuttiv preċedenti. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (aSE) informa li hu kien talab, permezz tal-email, lil Ms Svetlana Curmi biex tibgħat il-minuti. Huwa informa li kien kellimha bit-telefon ukoll qabel il-laqgħa.

## 55.3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

55.3.1 Is-Sindku infurmat li kienet irċeviet ilmenti dwar it-tnaqqis ta' parkeġġi quddiem il-lukanda The Palace. Hija kompliet li kienet waslet komunikazzjoni minn Transport Malta (TM) li qalu li The Palace għandhom il-permessi meħtieġa. Il-Kunsill kien wassal l-oġġezzjonijiet tiegħu iżda propju dak inhar kienet waslet informazzjoni li allegatament mhux vera hemm permessi tal-MEPA. Dwar dan hija infurmat li se tagħmel kuntatti mas-Sur Conrad Pulè ta' TM bil-ħsieb li din is-sitwazzjoni tiġi riżolta kemm jista' jkun malajr. Sadanittant l-aSE kien mitlub jikkomunika mal-Kumitat Reġjonali fejn jinfurmahom li hemm dubji dwar il-validità tal-permess għall-*Alighting and Boarding bay* u għalhekk il-Kunsill kien qiegħed jissuġerixxi li għalissa ma jsirx infurzar filwaqt li jkun rikonsidrati xi taħrikiet li ħarġu diġà fuq dan il-post.

*Tnaqqis ta' parkeġġi quddiem il-lukanda The Palace.*

55.3.2 Il-Kunsillier Cali saħaq li l-Kunsill għandu jinsisti mal-entitajiet biex qabel ma joħorġu xi permessi jew jieħdu xi miżuri għandhom jinfurmaw lill-Kunsill.

*Konsultazzjoni mill-entitajiet qabel ma joħorġu l-permessi.*

55.3.3 Is-Sindku infurmat li l-Onor Ministru Pullicino kien qiegħed jistaqsi lill-Kunsill għall-pożizzjoni uffiċċjali tiegħu fir-rigward tal-proġett tax-Xatt Tas-Sliema (*Ferries*).

*Il-proġett tax-Xatt.*

55.3.4 F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea.

55.3.5 Il-Kunsill b'mod unanimu qabel mal-proġett iżda ntwera tħassib dwar il-fatt li l-allokazzjoni finanzjarja mhux se tkopri l-fondi meħtieġa għall-manutenzjoni (apparti l-ewwel sena li jibqa' jieħu ħsiebu l-Ministeru) u għalhekk kien essenzjali li, biex il-proġett ikun wieħed sostenibbli, eventwalment isiru aktar diskussjonijiet biex jinstab mezz kif il-manutenzjoni jkun iffinanzjat. Il-Kunsill xtaq ukoll li l-proġett jinkludi wkoll punt ta' riferenza għat-turisti (*Tourist information bureau*). Inġibdet l-attenzjoni wkoll biex il-periti jikkonsidraw l-ammont ta' ilma tax-xita li jinżel fin-naħa t'isfel tat-toroq San Vinċenz, San Piju V u Sta. Rita.

*Kummenti dwar il-pjan għall-proġett tax-Xatt.*

55.3.6 Is-Sindku infurmat li kien ikkuntattjaha bit-telefon is-Sur Stephen Buhagiar fejn qalilha li kien bagħat ittra bl-avukat dwar il-każ tiegħu. L-aSE informa li huwa kien għadu ma rax din l-ittra.

*Il-każ ta' Stephen Buhagiar.*

55.3.7 L-aSE informa li kellu f'idejh il-minuti tal-laqgħa numru 52 li kienet issejħet għas-26 ta' Ottubru iżda li ma setgħetx issir minħabba li ma kienx hemm il-*quorum* meħtieġ. Dawn il-minuti ma' kienux għadhom ikkonfermati. Il-Viċi Sindku fakkar li r-raġuni kienet minħabba li ma kienx hemm qbil dwar kif tpoġġew il-ħinijiet tal-wasla tal-Kunsillieri. L-aSE informa li, sakemm il-laqgħa tkun għadha ma bdietx, ma kienx

*Minuti laqgħa numru 52 (bla quorum).*

neċessarju li jkunu inklużi l-ħinijiet x'ħin ikunu waslu l-Kunsillieri u f'każ bħal dan l-importanti kien li jitniżżel il-ħin ta' stennija sakemm il-laqgħa tkun ġiet diferita. Għalhekk il-ħinijiet setgħu jitneħħew. Il-Kunsill qabel għalhekk li jitħassru l-ħinijiet. Meta s-Sindku ressqet il-minuti kif emendati għall-vot kienu approvati b'ħames voti favur (is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillieri Camilleri, Cuschieri u Galea) u żewġ astensjonijiet (il-Kunsillieri Pace u Cali).

55.3.8 L-aSE ressaq talba biex il-ġbir ta' skart jibda jsir bil-lejl. Il-Kunsill unanimament qabel li dan ikun ikkunsidrat meta l-Kunsill joħroġ il-kuntratt il-ġdid. Is-Sindku fakkret li fil-preżent il-Kunsill qiegħed jaħdem b'kuntratt "ta' emerġenza". Kien hemm qbil li tintalab estensjoni mid-Dipartiment biex il-Kunsill ikompli jaħdem bl-istess kuntratt u li sadanittant l-aSE jindaga fejn wasal l-abbozzar tal-kuntratt il-ġdid.

*Talba ġbir ta' skart bil-lejl.*

55.3.9 L-aSE talab direzzjoni mill-Kunsill fir-rigward ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni u jekk kienx hemm il-qbil li x-xogħol ikun ordnat mingħajr ma jistenna laqgħa tal-Kunsill. Huwa rrakkomanda li kull xogħol li jkollu bżonn manutenzjoni (eżempju mirja tat-traffiku mkissrin, ħsarat fuq tabelli eżistenti eċċ), iżda esklużi xogħlijiet ġodda (fejn l-oġġett ikun għadu ma jeżistix), l-amministrazzjoni għandha tipproċedi bix-xogħlijiet fuq id-direzzjoni tal-aSE. Fuq proposta mis-Sindku, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku, kien hemm qbil unanimu li jsir skont kif qed jirrakkomanda l-aSE.

*Ordni ta' xogħlijiet ta' manutenzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv.*

55.3.10 Il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni dwar allegat periklu f'salib it-toroq ta' Triq Depiro ma' Triq Melita. Infatti kien sar aċċident ftit qabel fejn vettura baqgħet dieħla u kissret il-pilastru tal-iskola. Huwa rrakkomanda li ssir tabella 'Accident Black Spot', tabella STOP filwaqt li jkunu miżbugħa mill-ġdid il-marki 'Stop'. Hemm ukoll il-mera li trid tkun imdawwra sew minħabba li daret. Il-Kunsill approva.

*Periklu f'salib it-toroq (Triq Depiro ma' Triq Melita)*

55.3.11 L-aSE ressaq stima għal bandla għal persuni b'diżabilità u art tal-lakstu fil-*playing field* Margaret Mortimer. Din l-istima kienet ilha li waslet numru ta' xhur. Huwa ddikjara li ma kienx konxju jekk kienx hemm talba għaliha mill-Kunsill jew le. Il-Kunsill talab lill-aSE jindaga jekk kienx hemm approvazzjoni għaliha u għalissa tinżamm minħabba li l-Kunsill kien diġà qed jaħseb li għandu jagħmel sejħa għall-offerti għall-bandli biex ikunu konformi mal-istandards Ewropej.

*Irranġar tal-bandli fil-playing field Margaret Mortimer.*

55.3.12 Il-Kunsillier Galea ġibed l-attenzjoni li jkun għaqli jekk, fid-dawl ta' dawn il-ħsibijiet il-Kunsill jikkonsidra li jsir parkeġġ taħt il-bandli. Huwa informa li kien diġà tkellem mal-perit li qallu li, minħabba li hemm rampa diġà il-problemi huma inqas. Il-Kunsillier Cali informa li l-informazzjoni li kellu kienet li proġett bħal dan ma jkunx vjabbli minħabba li n-numru ta' karozzi li jistgħu ikunu akkomodati huwa relattivament limitat. Tqajjem il-każ dwar jekk kienx hemm xi devoluzzjoni. L-aSE kien mitlub biex jindaga dwar x'hemm devoluzzjonijiet pendenti.

*Proposta parkeġġ taħt il-bandli Margaret Mortimer.*

55.3.13 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jiddiskuti l-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv u għalhekk ġiet sospiża l-komunikazzjoni u l-korrispondenza.

## 55.4 ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

55.4.1 Is-Sindku infurmat li l-Bord tal-Għażla ma kienx għadu wasal għall-konklużjoni filwaqt li l-Kunsill dehrlu li kien ġie mgħaġġel iżżejjed mid-Dipartiment biex jieħu d-deċiżjoni. Hija infurmat li, wara li kien intwera interess fuq persuna partikulari, minħabba li kien iddikjara li kien ħadem mal-Kunsill Lokali Mġarr, hija kienet aċċessat il-minuti ta' numru ta' laqgħat ta' dan il-Kunsill u sabet informazzjoni li temmen li kienet ta' interess għall-Kunsill.

55.4.2 Is-Sindku infatti ppreżentat kopja tal-minuti tal-Kunsill Lokali Mġarr numri 50, 51, 52, 53 u 54 bid-dati 7 ta' Mejju, 28 ta' Mejju, 11 ta' Ġunju, 25 ta' Ġunju u 16 ta' Lulju tas-sena 2002 rispettivament u li fihom kien issemma l-kandidat għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv. Hija talbet ukoll lil-aSE biex jaqra partijiet minn dawn il-minuti.

*Informazzjoni mill-minuti tal-Kunsill Lokali Mgarr.*

55.4.3 Wara dan is-Sindku pproponiet li l-Kunsill ma jagħżel l-ebda kandidat minn dawk sottomessi mid-Dipartiment u li ssir sejħa mill-ġdid. Issekonda l-Viċi Sindku. Meta ttieħed il-vot, il-proposta kienet approvata *nem con*.

*Sejħa ġdida għall-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv.*

55.4.4 Il-Kunsill talab biex possibilment is-sejħa tinħareġ fil-bidu ta' Jannar u ddum miftuħa xahar. Kull applikant għandu jinkludi wkoll żewġ *referees.* L-aSE għandu jipprepara sett ta' kriterji bil-punti fuq xiex il-Kunsill għandu jimxi. Is-Sindku appellat biex dawk li jikkommettu li jattendu għall-intervisti għandhom jiżguraw li jattendu.

## 55.5 KONTINWAZZJONI TAL-KOMUNIKAZZJONI

55.5.1 Il-Viċi Sindku informa li kellu kuntatt mas-Soċjetà Filarmonika Sliema dwar possibiltà ta' attività konġunta. L-aSE informa li kienet waslitlu ittra f'dan is-sens. Fuq proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cali, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jagħmel kunċert flimkien mas-Soċjetà msemmija. Il-Viċi Sindku se jikkordina din l-attività.

*Attività mas-Soċjetà Filarmonika Sliema.*

55.5.2 Il-Kunsillier Galea ippropona li jsir riċeviment jew ikla għal żmien il-Milied. Is-Sindku staqsiet jekk dan kienx permess għaliex kellha l-idea li l-Kunsill ma setax jonfoq flus fuq ikliet jew riċevimenti. L-aSE informa li d-Dipartiment kien ħareġ struzzjonijiet dwar infiq bħal dan. Huwa kien mitlub biex jikkonferma dan u, jekk jista' jsir, issir ikla f'nofsinhar fis-27 ta' Diċembru.

*Ikla tal-Milied.*

55.5.3 Il-Kunsillier Pace kien skużat mil-laqgħa. Il-ħin kien is-18:55.

55.5.4 Il-Kunsill staqsa lill-aSE jekk kienx hemm xi talbiet għal xi marki tat-traffiku. L-aSE semma li kien hemm talba mingħand persuna li qed

*Problema ta' access ta' garaxx.*

ikollha problema li tidħol jew toħroġ mill-garaxx. Is-Sindku saħqet li t-talbiet dwar miżuri tat-traffiku jistgħu jgħaddu mill-ewwel għand TM.

55.5.5 Sadanittant tqajjem il-każ dwar l-infurzar min-naħa ta' TM. L-aSE informa li kien irċieva email mingħand is-Sur Josie Brincat ta' TM li tgħid li TM ma tistax tagħmel ix-xogħol hi u titnaqqas l-allokazzjoni tal-Kunsill kif kien mitlub mill-Kunsill. F'din l-email is-Sur Brincat kien informa li, fost l-oħrajn kien hemm bollards fi Triq Ġużè Cardona, sinjali sofor doppji fi Triq San Trofimu u *un/loading bay* fi Triq Sant Elena kollha mhux approvati. Huwa għalhekk kien qiegħed jordna li jitneħħew fi żmien għaxart ijiem. *Xogħlijiet bla permess ta' TM.*

55.5.6 Il-Kunsillier Galea informa li kien attenda laqgħa mas-Sindki tal-Belt u tal-Ħamrun fejn iddiskutew il-Bye Laws dwar il-ħamiem. Kien qiegħed ikun suġġerit li ssir kampanja edukattiva biex il-pubbliku jkun infurmat bil-liġijiet li jispeċifikaw li wieħed ma jistax jitma l-ħamiem filwaqt li l-*pigeon holes* għandhom ikunu magħluqa. Minħabba li hemm tmien Kunsilli li huma interessati, l-ispiża titla' madwar €100 kull Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel li jikkonferma l-parteċipazzjoni f'din il-kampanja. *Kampanja edukattiva dwar il-ligijiet dwar il-ħamiem.*

55.5.7 Il-Viċi Sindku informa li l-latrini ta' ħdejn il-fortizza tinsab fi stat diżastruż u għalhekk il-Kunsill kellu jindaga jekk humiex tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku kien hemm qbil unanimu li, jekk m'humiex tal-Kunsill jibda l-proċess tad-devoluzzjoni tagħhom. *Il-latrini ta' ħdejn il-Fortizza.*

55.5.8 Il-Kunsillier Galea informa li kien attenda seminar mill-iskola San Andrea dwar inizjattiva bl-isem *Refab* bħala kampanja biex jinġabru ħwejjeġ użati għar-riċiklaġġ minflok jintremew. Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jissieħeb f'din l-iskema. Il-Kunsillier Galea għandu jkompli jiddiskuti mar-rappreżentanti tal-iskola. *Inizjattiva Refab ma' San Andrea School.*

55.5.9 L-aSE informa lill-Kunsill li l-kuntratt ma' Green MT se jiskadi fl-aħħar ta' Diċembru 2011 u għalhekk jekk il-Kunsill xtaq li jġedded kellu jinfurmahom. Il-Kunsill unanimament qabel li għalissa jġedded għal perijodu ta' tliet xhur sakemm jieħu deċiżjoni. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti dan is-suġġett permezz tal-aġenda f'Jannar 2012. *Kuntratt ma' Green MT*

55.5.10 Il-Kunsillier Camilleri ilmentat minn xogħlijiet li saru fil-ħinijiet bikrin ta' filgħodu (fil-5am) fuq xogħol ta' trinek il-Ħamis 8 ta' Diċembru ħdejn La Rive. L-aSE informa li dawn kellhom il-permessi meħtieġa minn TM u meta intalbu l-permessi mill-uffiċċju kienu f'dilemma minħabba li, kieku ma ħarġux il-permessi kien se jkun hemm l-inkonvenjent u ħmieġ minn trinek maqlugħin sa wara l-festi u min-naħa l-oħra, jekk jitlesta x-xogħol qabel kien ikun hemm l-inkonvenjent li effettivament kien hemm. Huwa stqarr li ħass li kien aħjar li jkun hemm inkonvenjent qasir qabel milli inkonvenjent u ħmieġ matul il-jiem kollha tal-festi għal kważi xahar sħiħ. *Xogħlijiet ta' trinek ħdejn La Rive*

55.5.11 Il-Kunsillier Camilleri ilmentat fuq il-parkeġġ riservat tal-APS Bank allegatament mingħajr ma tressaq quddiem il-Kunsill. Intqal li l-Kunsill ma kienx konxju li kien hemm permess minn TM għal dan il-parkeġġ. L-aSE wiegħed li se jindaga dwar dan il-każ. *Parkeġġ riservat għall-APS Bank.*

55.5.12 F'dan il-ħin issemma wkoll it-tneħħija tas-sinjal doppju isfar fejn Hotel Roma biex sar parkeġġ u li allegatament sar mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. L-aSE wiegħed li se jindaga dwaru. *Tneħħija ta' sinjal doppju isfar fi Triq Għar il-Lembi.*

55.5.13 Il-Kunsillier Cali informa li kien sar żball billi bi żvista kien inqabeż l-artiklu tal-Kunsilliera Aquilina minn fuq il-*magazine* tal-Kunsill minkejja li kienet bagħtitu fil-ħin. Kien hemm qbil unanimu li għandu jkun ippubblikat fuljett bil-messaġġ tal-Kunsilliera Aquilina u jitqassam mal-lokalità kollha. *Fuljett bil-messaġġ tal-Kunsilliera Marianne Aquilina.*

## 55.6 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

55.6.1 Il-Kunsill qabel li jaġġorna l-laqgħa għall-Erbgħa 11 ta' Jannar 2012 fil-5:30pm.

55.6.2 Il-laqgħa intemmet fis-7:15pm.

Minuti approvati llum 11 ta' Jannar 2012.

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Paul Gatt**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**